



Dokument ta' sessjoni

B9-0090/2022

9.2.2022

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 111(3) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-Regolament delegat tal-Kummissjoni tal-5 ta' Novembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura fir-rigward tal-perjodu ta' żmien u d-dati għall-inammissibbiltà tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ
(C(2021)7701 – 2021/2961(DEA))

Pierre Karleskind
f'isem il-Kumitat għas-Sajd

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolament delegat tal-Kummissjoni tal-5 ta' Novembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura fir-rigward tal-perjodu ta' żmien u d-dati għall-inammissibbiltà tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ (C(2021)7701 – 2021/2961(DEA))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament delegat tal-Kummissjoni (C(2021)7701),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 11(4) u 62(6) tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 111(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għas-Sajd,
- A. billi l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) 2021/1139 (FEMSA) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati li jidentifikaw il-limitu għall-iskattar tal-perjodu ta' inammissibbiltà, li jenħtieġ li jkun proporzjonat għan-natura, il-gravità, id-durata u r-ripetizzjoni tal-ksur serju, tar-reati jew tal-frodi mwettqa u jenħtieġ li mill-inqas ikollu durata ta' sena;
- B. billi r-Regolament delegat tal-Kummissjoni 2015/288 tas-17 ta' Diċembru 2014² li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ (FEMS), fir-rigward tal-perjodu ta' żmien u d-dati għall-inammissibbiltà tal-applikazzjonijiet jipprevedi perjodu ta' 12-il xahar ta' inammissibbiltà fil-każ ta' 9 punti ta' ksur, u fil-każ ta' ksur meqjus bħala "minuri" l-perjodu ta' inammissibbiltà jiskatta biss meta' jintlaħqu d-9 punti;
- C. billi r-regolament delegat propost tal-Kummissjoni (C(2021)7701) li jissupplimenta l-FEMSA jaggrava dawn il-kundizzjonijiet peress li l-perjodu ta' inammissibbiltà jiskatta mat-tieni ksur b'7 punti biss u jiġi kkalkulat b'xahrejn għal kull punt, li la jidher li huwa proporzjonat u lanqas konformi mal-FEMSA;

¹ ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1.

² Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/288 tas-17 ta' Diċembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fir-rigward tal-perjodu ta' żmien u d-dati għall-inammissibbiltà tal-applikazzjonijiet (ĠU L 51, 24.2.2015, p. 1).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

- D. billi l-Kummissjoni jenħtieġ li tiproponi soluzzjoni alternattiva u aktar proporzjonata dwar id-durata tal-inammissibbiltà abbażi tal-punti;
 - E. billi soluzzjoni aktar proporzjonata tista' tkun li għall-ewwel żewġ każijiet ta' ksur jiġi previst xahar wieħed biss ta' inammissibbiltà minnflok tnejn għal kull punt fil-każ ta' ċertu ksur, u b'hekk jiġi rifless aħjar ir-raġunament tar-regolament bażiku f'termini ta' proporzjonalità;
1. Joġgezzjona għar-Regolament delegat tal-Kummissjoni;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u tinnotifikaha li r-Regolament delegat ma jistax jidħol fis-seħħ;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.